**84. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Nru.123 ta' l-24 ta' Jannar 1978 u riżoluzzjoni oħra tas-Seduta Nru. 230 tas-17 ta' Jannar 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' Lyster Barracks, Ħal Far, lil Ħal Ferħ Holidays Company Limited;

U billi l-imsemmija Kumpannija talbet li ġġedded l-istess kirja taħt il-kondizzjonijiet diġa' approvati mill-Kamra tad-Deputati, iżda biż-żieda li l-istess kirja tkun tista' tiġi terminata bi preavviż ta' sitt xhur;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas- sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amminstrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasfriment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond magħruf bħala Lyster Barracks, Ħal Far, jista jiġi mogħti lill-imsemmija Kumpanija, Ħal Ferħ Holidays Company Limited b'kera għal tliet snin mill-1 ta' Awissu, 1983, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet diġa' approvati mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduti fuq imsemmija, biż-żieda li l-istess kirja tkun tista' tiġi terminata bi preavviż ta' sitt xhur.

08.07.1983